Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 26 ta' Jannar 2022**
**(OR. en)**

**5669/22**

**FIN 61**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Sur Johannes HAHN, Membru tal-Kummissjoni Ewropea |
| data meta waslet: | 26 ta' Jannar 2022 |
| lil: | Is-Sur Bruno LE MAIRE, President tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Suġġett: | Proposta għat-trasferiment tal-approprjazzjonijiet Nru DEC 03/2022 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2022 |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument DEC 03/2022.

Mehmuż: DEC 03/2022

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

BRUSSELL, 26/01/2022

BAĠIT ĠENERALI - 2022
TAQSIMA III - TITOLI TAL-KUMMISSJONI: 16, 30

TRASFERIMENT TA' APPROPRJAZZJONIJIET Nru **DEC 03/2022**

**MINN**

**KAPITOLU -** 1602 Mobilizzazzjoni ta' mekkaniżmi ta' solidarjetà (Strumenti speċjali)

| | | |
|---|---|---|
| ARTIKOLU - 16 02 02 Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għal Ħaddiema Spostati (FEG) | Pagamenti | -290 000,00 |

**KAPITOLU -** 3004 Mekkaniżmi ta' solidarjetà (strumenti speċjali)

| | | |
|---|---|---|
| ARTIKOLU - 30 04 02 Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati (FEG) | Impenji | -290 000,00 |

**MINN**

**KAPITOLU -** 1601 Nefqa amministrattiva ta' appoġġ lil hinn mil-limiti massimi annwali stipulati fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali

| | | |
|---|---|---|
| ARTIKOLU - 16 01 01 Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati | Mhux Diff | 290 000,00 |

Ir-regoli li japplikaw għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stipulati fir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 (ir-"Regolament FEG"). Dan ir-Regolament ikopri l-applikazzjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-FEG ippreżentati lill-Kummissjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

Id-dispożizzjonijiet baġitarji marbuta mal-FEG huma stabbiliti fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

Skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament FEG, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, sa 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG jista' jsir disponibbli għall-għajnuna teknika.

# I. TNAQQIS

## I.1

### a) Intestatura

**16 02 02 - Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għal Ħaddiema Spostati (FEG)**

### b) Ċifri fis-07/01/2022

| | Pagamenti |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE) | 25 000 000,00 |
| 2 Trasferimenti | 0,00 |
| 3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2) | 25 000 000,00 |
| 4 Approprjazzjonijiet diġà użati | 0,00 |
| **5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)** | **25 000 000,00** |
| **6 Tnaqqis propost** | **290 000,00** |
| **7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)** | **24 710 000,00** |
| 8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1) | 1,16 % |
| 9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli |

### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

| | Pagamenti |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 0,00 |
| 2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-07/01/2022 | 0,00 |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1] | mhux applikabbli |

### d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Il-linja għall-assistenza teknika mill-FEG fuq inizjattiva tal-Kummissjoni (il-linja baġitarja 16 01 01) tintuża għal din il-miżura u għalhekk għandha tkun ipprovduta b'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament. Uħud mill-approprjazzjonijiet ta' pagament disponibbli fil-linja tal-FEG 16 02 02 se jintużaw biex jiġi kopert dan l-ammont.

**I.2**

## a) Intestatura

**30 04 02 - Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati (FEG)**

## b) Ċifri fis-07/01/2022

| | Impenji |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE) | 201 332 382,00 |
| 2 Trasferimenti | 0,00 |
| 3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2) | 201 332 382,00 |
| 4 Approprjazzjonijiet diġà użati | 0,00 |
| **5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)** | **201 332 382,00** |
| **6 Tnaqqis propost** | **290 000,00** |
| **7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5-6)** | **201 042 382,00** |
| 8 Tnaqqis bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1) | 0,14 % |
| 9 Tnaqqis, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli |

## c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

| | Impenji |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 0,00 |
| 2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-07/01/2022 | 0,00 |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1] | mhux applikabbli |

## d) Raġunijiet dettaljati għat-tnaqqis

Id-dispożizzjonijiet baġitarji marbuta mal-FEG huma stabbiliti fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda.

F'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill proposta għal trasferiment ta' approprjazzjonijiet mir-riżerva għall-FEG għal-linja baġitarja rilevanti b'mod parallel mal-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG.

## II. ŻIEDA

## II.1

### a) Intestatura

**16 01 01 - Nefqa ta' appoġġ għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssenjati**

### b) Ċifri fis-07/01/2022

| | Mhux Diff |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet fil-baġit (Baġit Inizjali + BE) | 0,00 |
| 2 Trasferimenti | 0,00 |
| 3 Total tal-approprjazzjonijiet għas-sena (1+2) | 0,00 |
| 4 Approprjazzjonijiet diġà użati | 0,00 |
| **5 Approprjazzjonijiet disponibbli (3-4)** | **0,00** |
| **6 Żieda mitluba** | **290 000,00** |
| **7 Total tal-approprjazzjonijiet sa tmiem is-sena (5+6)** | **290 000,00** |
| 8 Żieda bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet fil-baġit (6/1) | mhux applikabbli |
| 9 Żieda, bħala perċentwal tal-approprjazzjonijiet finali għas-sena, fit-total tat-trasferimenti msemmija fl-Artikolu 30(1)(b) tar-Regolament Finanzjarju | mhux applikabbli |

### c) Dħul minn irkupru (riportat mis-sena preċedenti)

| | Mhux Diff |
|---|---|
| 1 Approprjazzjonijiet disponibbli fil-bidu tas-sena | 0,00 |
| 2 Approprjazzjonijiet disponibbli fis-07/01/2022 | 0,00 |
| 3 Rata ta' implimentazzjoni [(1-2)/1] | mhux applikabbli |

### d) Raġunijiet dettaljati għaż-żieda

Fl-2022, qiegħed jintalab l-ammont ta' EUR 290 000 sabiex tiġi koperta l-assistenza teknika marbuta mal-FEG, jiġifieri 0,14 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG. Huwa ferm inqas miż-0.5 % permess mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament FEG. Il-kontribuzzjoni se tintuża għan-nefqa msemmija fl-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll fl-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG, kif spjegat hawn taħt.

**Nefqa amministrattiva - EUR 190 000:**

- Il-grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG se jorganizza l-laqgħat regolari tiegħu (fl-ewwel u fit-tieni nofs tal-2022, u fl-ewwel nofs tal-2023). Minħabba l-pandemija, il-laqgħa tal-2021 kienet kompletament virtwali. Skont l-ippjanar attwali, fl-2022, x'aktarx li jerġgħu jibdew il-laqgħat bi preżenza fiżika;
- Sabiex jiġi promoss in-networking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza seminar bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u tas-sħab soċjali. Dan se jiġi skedat fil-jum ta' qabel laqgħa tal-Grupp ta' Esperti fl-2022. Il-laqgħa x'aktarx li ssir bħala laqgħa fiżika;
- Attivitajiet ta' informazzjoni: il-preżenza online tal-FEG, li ħolqot il-Kummissjoni fil-qasam tagħha tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, u li qed tieħu ħsiebu kif meħtieġ skont l-Artikolu 12(2) tar-Regolament dwar il-FEG, se jiġi aġġornat u mkabbar b'mod regolari, u kull element ġdid se jiġi tradott bil-lingwi kollha tal-UE. Se tiżdied is-sensibilizzazzjoni ġenerali dwar il-FEG u l-viżibilità tiegħu se tiġi promossa. Il-FEG se jiġi kopert f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni, kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG.

**Nefqa teknika - EUR 100 000:**

- Żamma u aġġornament ta' sistema ta' skambju elettroniku tad-data: Il-Kummissjoni qed tkompli bil-ħidma tagħha dwar il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u għall-ġestjoni tal-FEG, bl-użu tal-funzjonalitajiet tas-Sistema Komuni ta' Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC). Dan jinkludi b'mod partikolari ż-żamma tal-applikazzjoni tal-SFC 2014–2020, u l-iżvilupp ulterjuri meħtieġ għall-għeluq tal-każijiet, kif ukoll l-iżvilupp ulterjuri tal-interfaċċa tal-FEG 2021–2027 fl-SFC, b'mod partikolari funzjonalitajiet u aġġustamenti ġodda biex l-SFC tiġi allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament tal-FEG 2021–2027;
- Monitoraġġ u ġbir ta' data: il-Kummissjoni se tiġbor id-data dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslulha, dwar dawk imħallsa u dawk ta' stralċ, kif ukoll dwar il-miżuri proposti u implimentati. Din id-data se tkun disponibbli fuq is-sit web u se tkun kompilata b'format xieraq għar-rapporti biennali futuri.

## ANNEX

## TRANSFERS RELATED TO THE EUROPEAN GLOBALISATION ADJUSTMENT FUND FOR DISPLACED WORKERS 2022
## COMMISSION PROPOSALS ON 07/01/2022

The table below shows the transfer proposals transmitted to the Budgetary Authority to date, which relate to EGF 2022, and the amount of the EGF reserve that will remain should these proposals be approved.

| Transfer Ref | Submission date | Content | Commitment Appropriations 2022 Reserve (EUR) |
|---|---|---|---|
| | | **Initial appropriations** | **201 332 382** |
| DEC 01 | 05/01/2022 | EGF/2021/005 FR/Airbus | 3 745 264 |
| DEC 02 | *20/01/2022* | EGF/2021/006 ES/Cataluña automotive | 2 795 156 |
| DEC 03 | *25/01/2022* | EGF/2022/000 TA 2022 | 290 000 |
| | | | |
| | | | |
| | | **Total transfer proposals** | **6 830 420** |
| | | **Remainder** | 194 501 962 |

**At this stage, the levels of internal assigned revenue available payment appropriations are as follows:**

*Line 16 01 01 – Support expenditure for the European Globalisation Adjustment Fund for Displaced Workers (EGF)*

Amounts in EUR

| | |
|---|---|
| Internal assigned revenue – current year | 0 |
| Internal assigned revenue – carried-over from previous year | 0 |

*Line 16 02 02 – European Globalisation Adjustment Fund for Displaced Workers (EGF)*

Amounts in EUR

| | |
|---|---|
| Internal assigned revenue – current year | 0 |
| Internal assigned revenue – carried-over from previous year | 0 |

*Line 16 02 99 01 – completion of the European Globalisation Adjustment Fund (prior to 2021)*

Amounts in EUR

| | |
|---|---|
| Internal assigned revenue – current year | 0 |
| Internal assigned revenue – carried-over from previous year | 0 |